KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## IS-SEBGĦA (7) LEĠISLATURA

### *Laqgħa Numru Ħamsa u Sebgħin (75)*

***It-Tlieta, 21 ta' November, 2017***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'15, Vjal il-Labour, Ħal Għaxaq fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm).

**PREZENTI:**

| | |
|---|---|
| IS-SINDKU | DARREN ABELA |
| Il-VICI SINDKU | EMANUEL VASSALLO |
| IL-KUNSILLIERA | ROSE AGIUS |
| IL-KUNSILLIER | KEITH FENECH |
| IL-KUNSILLIERA | MARIANNE SCHEMBRI |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

SEGRETARJU EZEKUTTIV - FIONA SAID

**MINUTI**

Is-Sindku Darren Abela ippresjeda l-laqgħa.

***Il-Laqgħa tal-Kunsill bdiet fil-5:45pm***

**75.1 Qari tal-ittri ta' apologiji**

75.1.1 Gewipprezentati l-ittri ta' apologiji tal-Vici Sindku Emanuel Vassallo u tal-Kunsillier Keith Fenech li fl-ahhar laqgha Numru 74 kienu indisposti minhabba ragunijiet ta' sahha.

75.1.2 Iz-zewg ittri msemmija gew approvati unanimament.

**75.2 Kuns*i*derazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

75.2.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill ghall-approvazzjoni, il-Minuti tal-Laqgha Numru 74 li nzammet nhar it-Tlieta 17 ta' Ottubru 2017.

75.2.2 Il-Minuti tal-Laqgha Numru 74 tqassmu minn qabel u ghaldaqstant unanimament gew ikkunsidrati bhala moqrija.

75.2.3 Is-Sindku Darren Abela ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha Numru 74. Il-Minuti tal-Laqgha Numru 74 gew approvati unanimament.

**75.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti**

***A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 75/2017 – Novembru 2017***

75.3.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 75-2017 biċ-ċekkijiet numru 5830 sa 5860 li tammonta €34,802.18

75.3.2 Għaldaqstant is-Sindku ressaq mozzjoni għall-approvazzjoni ta' l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 75-2017 bl-ammont ta' €34,802.18
Proponent: il-Vici Sindku Emanuel Vassallo
Sekondant: il-Kunsilliera Rose Agius

75.3.3 Wara mozzjoni imressqa mis-Sindku Darren Abela, l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 75-2017 ġiet approvata unanimament.

**75.4 Approvazzjoni tar-Rapport tat-Tieni Kwart tas-sena 2017**

*F'dan l-istadju tal-laqgha attenda l-Accountant tal-Kunsill is-Sur Laurence Manicaro.*

75.4.1 L-accountant tal-Kunsill ta spjegazzjoni tal-figuri imnizzla fir-Rapport tat-Tieni Kwart tas-sena 2017.

75.4.2 Ir-Rapport tat-Tieni Kwart tas-sena 2017, gie approvat unanimament.

**75.5 Approvazzjoni tal-Rapport tat-Tielet Kwart tas-sena 2017**

75.5.1 Dan ir-rapport se jigi mressaq fil-laqgha tal-Kunsill li jmiss.

**75.5 Attivitajiet u tizjin ghall-zmien il-Milied**

75.6.1 Is-Sindku Darren Abela fetah id-diskussjoni dwar din il-materja fejn issugerixxa li ghal din is-sena, l-ghaqdiet jergghu jaghmlu l-istess tizjin bhas-snin precedenti, izda jizdied ukoll fustun gos-sigra li hemm magenb il-Knisja kif ukoll jittellghu tmien arbli fil-Pjazza. Dwar dan ser issir laqgha mal-kazini rispettivi fil-jiem li gejjin.

75.6.2 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li ghal din is-sena il-kazini ser ikunu qed jinghataw €600 kull wiehed sabiex jarmaw id-dawl tal-Milied fi Triq Santa Marija. Dwar dan il-Kunsill qabel unanimament.

75.6.3 Rigward l-ikla ghall-anzjani, il-Kunsill qabel li ssir fit-30 ta' Dicembru 2017 bejn l-4pm u s-6pm fis-sala tal-Kappillan filwaqt li r-Riceviment ta' zmien il-Milied ser isir fit-22 ta' Dicembru 2017.

**75.6 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-hrug tat-Tender tal-Perit**

75.6.1 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill li hemm bzonn jinhareg t-tender tal-Perit minhabba li ghalaq. Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezentat fuq il-mejda tal-Kunsill t-*template* tat-tender il-gdid u nfurmat li se jintbaghat ukoll b'email ghall-kunsiderazzjoni tal-membri tal-Kunsill.

75.6.2 It-Tender se jinhareg f'Jannar li gej.

**75.7 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-hrug tat-Tender tal-Bulky Refuse Service**

75.7.1 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill li hemm bzonn jinhareg t-tender tal-*Bulky Refuse Collection* minhabba li ghalaq. Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezentat fuq il-mejda tal-Kunsill t-*template* tat-tender il-gdid u nfurmat li se jintbaghat ukoll b'email ghall-kunsiderazzjoni tal-membri tal-Kunsill.

75.7.2 It-Tender se jinhareg f'Jannar li gej.

**75.8 Korrispondenza**

75.9.1 Tressqu diversi korrispondenzi dwar l-applikazzjonijiet tal-PA. Hadd mill-Kunsilliera ma kellu oggezzjonijiet.

75.8.2 Tressqet korrispondenza minghand OHSA dwar multa ta' Eur250 minhabba nuqqasijiet li sabu fuq il-post tax-xoghol. Minhabba li l-OHSA naqqset milli tibghat lill-Kunsill x'inhuma in-nuqqasijiet, ircevejna korrispondenza minghand l-AKL sabiex dan l-ammont ma jigix imhallas sakemm tinhareg direttiva ohra.

75.8.3 Tressqet ukoll korrispondenza minghand l-iskola dwar il-hlas ta' Eur15 ghall-Ekoskola. Il-Kunsill qabel li tithallas.

75.8.4 Tressqet korrispondenza minghand l-AKL dwar ir-Riceviment tal-Milied li ser isir fit-28 ta' Dicembru gewwa l-Palazz Verdala.

75.8.5 Tressqet korrispondenza dwar Laqgha tas-Sindki u Vici-Sindki u din is-sena mistiedna ukoll il-*minority leader*. Is-Sindku ikkonferma li se jattendi filwaqt li l-Kunsilliera Rose Agius qalet li se tikkonferma fil-jiem li gejjin.

75.8.6 Tressqet korrispondenza dwar Inizjattiva Finanzjarja ghal-Libreriji Regjonali sabiex isir WIFI ghal prezz ta' Eur280 fis-sena. Il-Kunsill approva.

75.8.7 Tressqet korrispondenza dwar talba sabiex isir zwieg ta' koppja fit-23 ta' Dicembru fil-Kunsill Lokali. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oggezzjoni.

75.8.8 F'laqghat precedenti il-Kunsill kien ippropona li jsiru tabelli fil-*bypass* li jindikaw it-toroq. Tressqet kwotazzjoni ghal-dawn it-tabelli, fejn l-istima hija ta' madwar Eur785 biex isiru dawn it-tabelli fuq naha wahda tal-Bypass. Il-Kunsill qabel li jsiru.

75.8.9 Tressqet korrispondenza minghand is-Sindku ta' Ghajnsielem fejn qed jistiednu l-ghaqdiet u NGOs biex jorganizzaw hargiet ghall-presepju ta' Betlehem f'Ghajnsielem. Il-Kunsill qabel li l-korrispondenza ghandha tintbaghat lill-kazini ghall-attenzjoni taghhom.

**75.9 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

75.9.1 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar it-tabelli tal-'Merhba Ghaxaq' fejn il-Kunsill baghat lil diversi entitajiet dwar l-interess taghhom sabiex isiru dawn it-tabelli. Il-Kunsill qabel li ngibu kwotazzjoni sabiex isiru.

75.9.1 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar il-fetha fi Triq il-Qattus fejn ippropona li jsir it-tindif, jittella hajt u jithawlu xi sigar. Dwar dan il-Kunsill qabel.

75.9.3 Is-Sindku Darren Abela ppropona li titnaddaf iz-zona ta' magenb il-Knisja ta' Santu Kristu. Dwar dan il-Kunsill qabel.

75.9.4 Is-Sindku Darren Abela ppropona li ssir tabella 'no entry' fi Triq G.Naudi. Din il-proposta ma gietx accettata.

75.9.5 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar il-problema ta' dranagg li hemm fi Triq in-Nigem. Il-Kunsill qabel li tintbaghat lid-Dipartiment tas-sanita.

75.9.6 Is-Sindku Darren Abela ppropona li fi Triq Loretu k/m Triq Rosario Dimech isir patching bil-konkos. Il-Kunsill qabel li jgib stima tax-xoghlijiet.

75.9.7 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar il-*leaflet* li jinhareg f'Dicembru fejn qal li se tintalab stima ghal *printing* u l-*artwork*.

75.9.8 Is-Sindku Darren Abela qal li hemm bzonn patching fi Triq il-Gudja u fi Triq Santa Marija sa Bir id-deheb. Il-Kunsill qabel li jsir.

75.9.9 Is-Sindku Darren Abela ppropona li l-Kunsill japplika ghar-restawr tat- Turetta. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oggezzjoni.

75.9.10 Is-Sindku Darren Abela ppropona li l-barriers ta' quddiem il-bieb ta' l-iskola isiru bil-perspex. Il-Kunsill qabel li jgib kwotazzjoni.

75.9.11 Is-Sindku Darren Abela ressaq talba mill-iskola sabiex isir *carol singing* madwar il-lokal. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oggezzjoni u ghandha ukoll tintbaghat sorveljanza tal-pulizija.

**75.10 <u>Mistoqsijiet u Twegibiet mill-Kunsillieri</u>**

75.11.1 Il-Kunsilliera Rose Agius qalet li kien hemm kwistjoni mal-*barman* tal-kazin ta' Santa Marija fejn dan qed jghid li s-Sindku qal xi diskors mieghu ghan-nom tal-Kunsill Lokali. Is-Sindku Darren Abela qal li hu tkellem mieghu personalment u li se jkun qed jerga jkellmu biex tigi ccarata is-sitwazzjoni.

**75.12 <u>Diskussjoni dwar Tender GHLC/T/03/2017: Street Sweeping</u>**

*F'dan l-istadju tal-laqgha attenda l-Avukat tal-Kunsill*

75.12.1 Rigward din il-materja, l-Avukat tal-Kunsill ppropona li wara li l-Kunsill jara kif inhadmet ir-rata tal-*Minimum Hourly Workers Rate*, ghandu jiddeciedi jekk jitlobx lill-*Public Contracts Review Board* biex twaqqa t-tender u t-tender jerga jinhareg mill-gdid. Id-decizjoni ghandha tittiehed wara li tinghata din l-informazzjoni.

**75.13 <u>Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss</u>**

75.13.1 Il-Laqgha li jmiss giet aggornata ghal nhar il-Hamis 14 ta' Dicembru 2017 fil-5:30pm

Il-Laqgha ntemmet fis-21:12pm

| | |
|---|---|
| ________________________ | ________________________ |
| Fiona Said | ikkonfermati |
| Segretarju Ezekuttiv | Darren Abela |
| | Sindku |